MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 261/2008

**Go p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Joseph Demicoli (ID 9455M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbu l-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u tnejn u tletin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (€932.21), erba’ mitt liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm400.20c), in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21672283 (AT6824/89 – AC10008653).

Illi ntepellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (€932.21), erba' mitt lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm400.20), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------